Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SEBGHA KUNSILL 2015-2018**

**SEDUTA NUMRU 18**

**L-ERBGHA 20 TA' APRIL 2016 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR JUSTIN FENECH | VICI- SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| THERESA VALENTINO | KUNILLIER |

Il-Kunsillier M. Fava informa li ma setax jattendi ghal din is-seduta minhabba li kien imsiefer minhabba xoghol. Il-Kunsillier A. Chectuti u M. Miceli infurmaw li ma setawx jattendu minhabba impenji ohra relatati max-xoghol taghhom.

**Is-Sindku qal it-talba.**

**I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 17 gew approvati. Il-Kunsillier P. Fenech ippropona u l-Kunsillier M. Abela issekondat.

**II RAPPORTI MIS-SINDKU**

1. Is-Sindku pprezenta rapport idettaljat dwar il-hidma tieghu u l-laqghat li kellu mill-ahhar Seduta sa issa. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti bhala App. A.

2. Huwa nforma li kellu kuntatti ma' Dr. Laurence Gonzi bhala medjatur dwar il-kont pendenti li l-Kunsill huwa dovut li jhallas lill-Perit Camilleri. Is-Sindku nforma li din il-persuna sfortunatament m'ghandix risposta u ghalhekk jekk sa seduta li jmiss, ma jkun hemm l-ebda zvillupi, dan il-kont se jkollu jithallas kollu inkludi l-interessi.

3. Is- Sindku rrefera ghat-traffiku li se jkun qed juza aktar t-toroq tas-Swieqi minhabba *diversions* il-godda tal-progett tal-Kappara; l-aktar minn Triq il-Keffa u Triq il-Qasam. Il-Kunsillier M. Abela ssotniet li l-istat ta' Triq il-Keffa diga' huwa wihed inkwitanti u il-Kunsill m'ghandux jkun responsabli ghal xi hsarat li xi vetturi jistghu jsofru minhabba l-istat ta' din it-triq.

   Il-Kunsill kien diga' informa lit-TM, bl-istat li tinsab fih Triq il-Keffa kif ukoll li din ha tkompli isservi bhala triq arterjali iktar u iktar issa li jibda' dan il-progett. Is-Sindku nforma wkoll li huwa personalment staqsa diversi drabi lil Ministru ikkoncernat kif ukoll lill-Prim Ministru ghall-ghajnuna finanzajra ghall-kostruzzjoni ta' din it-triq. Wara diskuzzjoni fid-dettal, gie deciz li tinkiteb ittra ufficjali ohra lit-TM fejn turi bi car id-dizapunt ta' dan il-Kunsill kif ukoll sabiex tinforma li dawk is-sewwieqa kollha li se jghaddu minn din it-triq u jsoffru xi dani, il-Kunsill se jzomm lit-TM responsabli ghal kull tip ta' hsara li jistghu jsehhu. Din l-ittra giet ippreparata waqt din is-Seduta.

4. Rigward il-progett ta' twessiegh ta' trejqa f' Wied Ghomor, is-Sindku rrefera ghar-rikjesta li ghamel il-Kunsill sabiex ssir bankina imqar fuq naha wahda minhabba s-sigurta' ta' dawk li jghaddu bil-miexi pero' b' dizapunt kbir sa llum din ghadha ma saritx u l-Kunsill m'ghandu l-ebda hjiel jekk din hux se ssir. Wara diskuzzjoni, unanimament gie deciz li TM ghandha tinzamm responsabli ghal kull accident li jista' jsir f'kull hin li jista' jiswa l-hajja ta' xi persuna. Gie deciz li tintbaghat ittra lit-TM dwar din id-decizjoni u li dawn il-punti jigu ppublikati fuq il-pagna ufficjali tal-Facebook tal-Kunsill.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**III APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEHOR**

Giet pprezentata l-iskeda tal pagamenti nru.17 u wara li saru xi aggustamenti hekk kif mitlub fl-email tal-Kunsillier A. Curmi (mehmuz bhala App.b), hadd ma ogezzjona u ghaldaqstant dawn il-pagamenti kollha gew approvati. Il-Kunsillier M.Abela pproponiet u s-Sindku ssekonda.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

<u>Mill-Kunsillier M. Abela</u>

1. Il-Kunsillier staqsiet jekk kienx hemm xi zvillupi dwar il-proposta sabiex Triq l-Gharbiel ssir one-way. Il-Kunsillier A. Curmi informa li hu kellu kuntatti ma' xi residenti ta' din it-triq, fejn dawn infurmaw li ma jaqblux ma' din il-proposta peress li mhix prattika kif ukoll li mhux facli ssir. Huwa nforma li jkun jaqbel jekk din il-materja tigi diskussa iktar fid-dettal waqt laqgha li ssir fit-triq inkwistjoni.

2. Hija nfurmat li kellha kuntatt mas- Sur Andrew Haig mit-TM dwar il-bus-stops fi Triq ix-Xiber u dak ta' hdejn Torre Paulina. Is-Sur Haig informa li diga' inghataw l-ordnijiet lill-kuntrattur sabiex dawn issiru mill-aktar fis possibli. Is- Segretarju Ezekutiv informa li hu kellu kuntatti ma' din l-istess persuna, fejn gie nfurmat li bus-stop minnhom diga sar pero' dwar l-iehor ghadu qed jistenna l-approvazzjoni tas-superjuri tieghu.

3. Hi rrimirkat dwar il-boards li gew installati sabiex issir xi reklamar fuqhom fit-toroq tal-lokalita'. Il-Kunsillier infurmat li dawn m'humiex jaghtu dehra sabiha lill-ambjent tal-lokalita' minhabba li bhalissa hafna minnhom jinsabu vojta.

4. Il-Kunsill gie nfurmat dwar il-proposta li l-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena ressaq lid-Dipartiment sabiex jsir Adventure Park hdejn il-Forti fil-Madliena. Hija nfurmat li din qed tigi pprocessata.

5. Il-Kunsillier issugeriet sabiex l-art pubblika li hemm fi Triq l-Ortenzja u fi Triq il-Gladjoli jigu zvillupati fi spazju miftuha ghar-rikreazzjoni tar-residenti bhal gonna pubblici. Ghaldaqstant hija hadet l-inkarigu li jsir kuntatt ma' l-ufficjali ta' Nature Parks Society.

6. Il-Kunsill gie nfrumat li lokalita' fl-Isvezja tixtieq li taghmel twinning mal-lokalita' taghna kif ukoll ma' St. John Rescue. Wara diskuzzjoni , gie deciz li l-Kunsillier tiehu l-inkairgu ta' din il-materja billi tinvestiga ma' min il-Kunsill jrid jikkomunika u wara l-Kunsillier M. Miceli jkun jista' jibda b'dan il-process.

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI- ikomplu**

Mill-Kunsillier T. Valentino

1. Il-Kunsillier infurmat li fi Triq il-Qawsalla kantuniera ma' Triq ix-Xiber hemm xi blat hiereg 'il barra u jista' jkun ta' periklu ghal min jiffrekwenta din iz-zona. Wara diskuzzjoni gie deciz li ghandha ssir laqgha mal-Perit tal-Kunsill fuq is-sit inkwistjoni.

2. Hija nfurmat ukoll li se tkun qed isewgi mill-qrib il-process ta' kull korrispondenza li tintbaghat lill-MEPA sabiex b'hekk tassigura li kull diffikulta giet indirizzata minn din l-entita'.

3. Il-Kunsillier staqsiet jekk kinx hemm xi zvillupi dwar il-proposta li ressaq il-Kunsill ghall-attenzjoni ta' TM dwar it-twessiegh tal-mini fi Triq is-Swieqi sabiex jkun hemm aktar accessibilta' u iktar sigurta' ghal kull min jghaddi minn din it-triq bil-miexi. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li sa llum, il-Kunsill ma rcieva l-ebda komunikazzjoni dwar din il-materja u ghaldaqstant se jerga' jintbaghat reminder lis-Sur Grima.

4. Hija ssugeriet sabiex fiz-zoni ta' Triq is-Sirk u Triq is-Swieqi, tibda' tithaddem is-sistema ta' Timed Parking bhalma hemm fi Triq ta' l-Ibrag minhabba dawk il-persuni li hafna minnhom mhux residenti, jipparkjaw il-vetturi taghhom, il-gurnata kollha, l-aktar fi tmiem il-gimgha. Wara diskuzzjoni, gie deciz li din il-materja tigi diskussa ma' Sur Muscat mit-TM meta jkun skedat li jigi fil-lokalita'.

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier fakkar lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex b'mod immedjat jigu nfurmati MEPA u Tourist Board li l-Kunsill jixtieq li jzdiedu t-toroq msemmija hawn taht (u anke fl-email tieghu datat 1 ta' April 2016) ma' lista tat-toroq l-ohra li ma jistax jsir twaqqiegh u zvillup fihom matul xhur sajfin. Wara diskuzzjoni, is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jinforma lil dawn l-entitajiet dwar din il-proposta. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. It-toroq huma:

    - Triq il-Molletta
    - Triq l-Ilma
    - Triq il-Giebja
    - Triq il-Passiflora
    - Triq it-Tiben
    - Triq il-Gizimin
    - Triq il-Hemel
    - Triq is-Sirk

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI- ikomplu

Mill-Kunsillier A. Curmi- ikompli

2. Il-Kunsillier staqsa jekk kienx hemm xi zvillupi dwar il-parkegg ghar-roti. Is-Sindku nforma li din il-porposta ghadha mhix ffinalizata pero; gie mwieghed li se jkollu risposta sa' Gunju ta' din is-sena.

3. Huwa staqsa jekk il-Kunsill irceviex il-pagament dovut lilu minghadn id-Direttorat ta' Lifelong Learning. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li se jivverfika u fis-Seduta li jmiss jaghti iktar dettalji.

Mill-Vici Sindku

1. Il-Vici Sindku nforma li l-ftuh ufficjali ta' tennis court se jsir dal-waqt. Huwa nforma li bhalissa ghaddejjin diskuzzjonijet sabiex jigi installat l-apparat eletronku ta' kif wiehed se jkun qed jirregistra biex juza dan tennis court. Huwa informa li hemm bzonn li jinxtraw xi ghamara ghall-kmamar ta' tennis court kif ukoll trid tinxtara *net* sabiex jkun jista' jintlaghab l-isport ta' tennis. Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti biex dawn jinxtraw. Ghaldaqstant il-Vici Sindku talab sabiex jinghat somma li tkun allokata biss ghal dawn l-ispejjeze. Il-Vici Sindku ha l-inkarigu li jigbor il-kwotazzjonijiet.

2. Huwa nforma lil ga bdew il-preparamenti fuq l-edizzjoni tal-magazine li jmiss u ghaldaqstant il-Kunsillieri huma gentilment mitluba sabiex sa nofs Mejju'16 jibghatu l-artikli taghhom.

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV

1. Is- Segretarju Ezekuttiv ipprezenta lill-Kunsill korrispondenza mill-Kunsillier M. Fava u li se tkun aness ma' dawn il-minuti bhala App. C. Din il-korrispodenza tikkonsisito dwar ix-xewqa li dan il-Kunsillier jirraprezenta lill-Kunsill fuq bil-Bord ta' l-Awtorita ta' l-ippjanar.

   Is- Sindku rringrazzja ferm lil dan il-Kunsillier talli offra l-hin u l-ghajnuna tieghu b' mod volontarju sabiex jirraprezenta lil dan il-Kunsill fil-Bord tal- Awtorita ta' l-Ipjanar dwra progetti proposti fil-lokalita'. Huwa nforma li minhabba t-thedida serja li qed issofri l-lokalita' taghna rigward dan l-izvillup jkun jaqbel iktar jekk il-persuna li tirraprezenta lil dan il-Kunsill tkun wahda teknika f'dan il-qasam u ghalhekk tkun taf b' mod imeddjat kif tirrispondi b'mod aktar tekniku u professjonali, il-mistoqsijiet kollha li jistghu jqumu kemm minn naha tal-Kunsill kif ukoll minn naha tal-persuni l-ohra kollha involuti. Huwa nforma li l-Perit Edgar Rossignaud ukoll offra li jservi bhala raprezentant ta' dan il-Kunsill bla hlas.

   Wara diskuzzjoni fid-dettal, gie deciz li ghandu jintghazel il-Perit E. Rossignaud minhabba li l-kariga tieghu taghmlu iktar familjari mal-processi kollha involuti mill-MEPA. Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

Din il-laqgha spiccat fit-20:30 u sar aggornament ghal nhar
It-Tnejn 16 ta' Mejju 2016 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**